IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru13 (tlettax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-30 ta' Ġunju, 2025, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**13.1. Item Nru 13.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

13.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.37pm u kulħadd kien preżenti.

**13.2 Item Nru. 13.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

13.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**13.3 Item Nru. 13.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.3.1 Is-Sindku qal li għall-attività tas-26 ta' Lulju il-programm kwazi magħluq kollu u ghandna konfermati l-Fabrizio Faniello, Projekt Live Band, Street Elements, It-tenur resident Xghajri Giosue u DJ Sheron. Ghandna qed niddiskutu ma artisti ohra biex ikunu konfermati wkoll.

Ser ikollna wkoll ix-Xgħajra Scouts li ser jieħdu ħsieb l-ikel u xorb.

13.3.2 Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni tal-grawnd tal-futbol u qal li minn l-aħħar laqgħa tal-Kunsill iltaqa' mal-Avukat Mula tal-MFA kif ukoll mas-Segretarju tax-Xgħajra Tornados. Hemm kollhom laqgħa negattiva ħafna li ma riedux iċedu xejn minn dak li tlabna.

Għalhekk wara l-parir legali li ħadna bħalissa għaddejja petizzjoni u s'issa għandna madwar 150 firma pero hemm karti oħra f'idejn il-helpers li ma jafx kemm fihom firem. L-għan huwa li ikollna 500 firma u nkunu nistgħu nibgħatuha lill-Prim Ministru sabiex jikkunsidra t-talba tar-residenti tax-Xgħajra biex din l-art terga tgħaddi l-Kunsill.

13.3.3 Is-Sindku qal li max-Xatt ser jibda x-xogħol fuq is-suletta tal-konkos biex ikun jista jitkompla r-railing tal-ħadid.

13.3.4 Is-Sur Attard qal li dwar Triq l-Awrat lest il-pjan u kollox jinsab għaddej bħala proċess. Il-Kunsill ħatar Project Supervisor sabiex ikun qiegħed jimmoniterja x-xogħol minħabba health and safety.

13.3.5 Is-Sindku qal li l-ħarġa li jorganizza l-Kunsill għal Kemmuna għal din is-sena għadna qed nieħdu l-istimi għaliex il-Hera dis-sena talbuna 50 flok 45 -il persuna. Għalhekk qed naraw possibiltajiet oħra.

13.3.6 Is-Sur Attard ippropona li bħala dawl għaż-żebra nagħmlu solar bħal ma saret ta' Dawret ix-Xatt. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

13.3.7 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-ġemellaġġ li kien ser isir jidher li waqa' kollox għaliex it-Taljani ma jridux ikomplu u allura kellu jieqaf il-proġett kollu. Dan sakemm ma nsibux soluzzjoni alternattiva.

**13.4 Item Nru 13.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

13.4.1 Is-Sur Mifsud staqsa fuq l-ittra tal-iskart jekk intbgħatitx u s-Sindku qallu li għadha le.

13.4.2 Is-Sur Mifsud staqsa dwar qtugħ ta' ħaxix max-Xatt kantuniera ma' Triq l-Ispnott. Eżattament fejn kien hemm il-palma li mietet. Is-Sindku qal li hemm ser jitkompla jinqata iz-zokk tagħha u floku jitpoġġa pot.

13.4.3 Is-Sa Borg staqsiet dwar il-ġabra tal-iskart bil-lejl x'inhi s-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li apparentement mhux ser issir għaliex kien hemm min ma jaqbilx ukoll.

13.4.4 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk nistgħux nerġgħu naqtgħu il-yukka ta' mal-monument tal-Ħelsien għaliex qiegħda terġa tarmi. Is-Sindku qal li ser tiddaħħal fil-program ta' xogħol.

13.4.5 Is-Sa Borġ qalet li l-*farewell* tal-istudenti tas-sitt sena sar u ħadu gost ħafna.

13.4.6 Is-Sa. Borg  sqatsiet jekk nistgħux intellgħu post ta' Aġenzija Support fuq Super Sibs għal dawk it-tfal li għandhom ħuthom b'persuni b'diżabilta.

13.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux ngħinu lil Jasia, tfajla mix-Xgħajra li qed tikkontesta modelling u ġiet it-tielet. Is-Sindku qal li jixtieq jgħin pero s-Segretarju qallu li mhux possibbli minħabba li inġibditilna l-attenzjoni li din it-tip ta' għajnuna tmur kontra r-regolament finanzjarju.

13.4.8 Is-Sa. Doris Borg ipproponiet li għal European week of sports il-Kunsill jorganizza sports għal Settembru. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

13.4.9 Is-Sa. Doris staqsiet jekk il-BCRS f' hijiex CCTV is-Sindku qallha li iva u imqabbda mal-LESA.

13.4.10 Is-Sa. Doris Borg fakkret fil-Hand Towel Dispenser sabiex nixtruh. Is-Segretarju Ezekuttiv qallha li ser nixtruh fil-jiem li ġejjin.

13.4.11 Is-Sa. Borg ipproponiet nistgħux nieħdu ħsieb l-entratura tal-Kunsill għaliex meta tagħmel ix-xita tkun kollha għadajjar u persuna bilkemm tkun tista' tgħaddi. Is-Sindku qal li iva għandna bżonn nieħdu ħsiebha u nagħmlu ftit konkos.

13.4.12 Is-Sur Duncan staqsa jekk bħala Kunsill nistgħux nirrapurtaw rimi illeġali fil-baħar minn barkun eżattament quddiem ix-Xgħajra. Is-Segretarju qal li jekk għandna iktar informazzjoni bħal ritratti u ħinijiet inkunu nistgħu nirrapurtaw TM.

13.4.13 Is-Sur Duncan staqsa kif għandna kwistjoni ma Xgħajra Tornados meta ftit snin ilu għamilna proġetti magħhom ta' Devolpment Funds? Is-Sindku qallu li dawk konna għamilna ftehim man-Nursery sabiex inkunu nistgħu nibbenefikaw minn full Funding tad-Development Funds tal-Planning Authority.

13.4.14 Is-Sa. Antonia Buttigieg staqsiet jekk irċevejniex xi ħaġa minn Project Green dwar it-talba tagħna biex jissebbaħ il-Belveder. Is-Segretarju weġibha fin-negattiv.

13.4.15 Is-Sa. Buttigieg staqsiet jekk għamilniex xi ħaġa fuq il-Parking ta' Triq Karmelo Ritchie. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

13.4.16 Is-Sa Buttigieg staqsiet għaliex mhux niltaqgħu mal-uffiċjali ta' Barkat. Dan minħabba l-irwejjaħ li qiegħed ikun hawn. Is-Sindku qal li hu fil-verita rari qed ixomm l-intejjen però nistgħu nitkelmu magħhom sabiex nagħmlu laqgħa. Hu kompla u qal li jidher ukoll li ser ikollu jitkabbar l-impjant minħabba li żdied ukoll il-load.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR131310 – Malta
Tel: 2161332613
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

13.4.17 Is-Sa Buttigieg ippropniet niktbu lil Public Transport għaliex għandna tgergir minn residenti fuq ħafna wirdien fuq tal-linja u l-Acs joqtru fuq il-passiggiera. Is-Sindku qal li niktbu lil Public Transport dwar dawn l-ilmenti.

**13.5 Item Nru. 13.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

13.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**13.6 Item Nru. 13.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

13.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**13.7 Item Nru. 13.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

13.7.1 Pagamenti b'numru 12 ġew approvati unanimament.

**13.8 Item Nru. 13.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

13.8.1 Is-Sur Raymond Duncan ippreżenta Mozzjoni iffirmata minnu u ġiet issekondata mil-Viċi Sindku Michael Mifsud, dak il-ħin, bit-tema ta' "**Studju dwar il-kapacita ta' tolleranza ta' l-izvilupp**". Din il- mozzjoni inqrat u prontament ġiet preżentata wkoll kontro-mozzjoni mis-Sur Michael Mifsud li ssemmi l-Viżjoni tal-Gvern 2050 fejn diġa hemm imsemmi dan kollu li hemm fil-mozzjoni.

Minħabba n-natura ta' din is-sitwazzjoni mhux ċara s-Segretarju Eżekuttiv waqqaf dan il-proċess u qal li ser jieħu l-parir legali tad-DLG sabiex inkunu nafu kif għandna nipproċedu.

Kulħadd qabel ma dan.

**13.9 Item Nru. 13.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-6.37pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju fl-4.30pm

_________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

_________________________

Neil Attard

Sindku